## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 422/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Erika Galea, Jason Galea**

**<u>Illum,3 ta' Gunju,2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Erica Galea u Jason Galea detentrici tal-karta tal-identita Maltija **186779M**, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita taghhom ta' sidien u jew Diretturi u/jew Manager/s u /jew Rapprezentanti legali ta`kumpanija u/jew negozju bl-isem ta' Liftman Malta Ltd.(C-74256) ta' 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Ghaxaq u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata sabiex thallas il-pagi dovuti:

Naqsu li jhallsu lil impjegat taghkom Mario Caruana (K.L. 079355M) is-segwenti:

- **il-paga** ghall-perjodu ta' bejn l-11 ta' Novembru, 2021 u 1-28 ta' Jannar, 2022 ammontanti ghal **€ 2,718.96.**

- **il-Cola** ghall-perjodu ta bejn 1-1 ta Jannar, 2022 u 1-31 ta`Jannar, 2022 ammontanti ghal €5.60.

- **il-bonus statutorju ta' Dicembru** ghall-perjodu 1-11 ta' Novembru, 2021 u l- 31 ta' Dicembru, 2021 ammontanti ghal €27.05.

- **il-Bonus statutorju ta' Marzu** ghall-perjodu 1-11 ta' Novembru, 2021 u t-28 ta' Jannar, 2022 ammontanti ghal €40.80;

- **il-Vacation leave mhux utilizzat** ghall-perjodu 1-11 ta' Novembru, 2021 u l- 31 ta' Dicembru, 2021 ammontanti ghal €230.64;

- **il-Vacation leave mhux utilizzat** ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2022 u 1-28 ta' Jannar, 2022 ammontanti ghal €157.32;

biex b'hekk is-somma dovuta hija dik ta' **tlett elef mija u tmenin Ewro u seba' u tletin centezmu (€3,180.37).**

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontrinwat, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi ta' mhux inqas min mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), kif, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 u cioe illi naqsu li jhallsu pagi, ghamlu tnaqqis illegali, naqsu li jhallas xi bonus, zammew xí rimunerazzjoni jew xi pagament li ghandu jithallas min flok in-notice, naqsu li jaghtu vaganzi bi' hlas, naqsu li jaghmlu xi pagament dovut lill-impjegata skont il-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta jew skond xi Ordni ta' Standard Nazzjonali, Ordni biex jirregola settur jew xi Ordni iehor maghmul taht il-Kap 452 tal-Ligjiet ta' Malta; u ai termini tar-regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal- 2003 kif emendat bl avvizi legali 427, tal- 2007 u 259 tal-2012 tal-ligjiet ta' Malta sabiex ihallsu penali ta; mhux inqas min erbgha mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), tordna lill- imputati sabiex ihallsu lil Mario Caruana (ID 079355M) is-somma komplessiva ta' tlett elef mija u tmenin Ewro u seba' u tletin centenzmu (€3,180.37) ghar- ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-10 ta' Novembru 2023, fejn sabet lill-imputati hatja skont l-imputazzjonijiet kif dedotta kontra taghhom u kkundannatom, kull wiehed, ghall-penali/ multa ta' €2,0001 ( elfejn ewro). In oltre ordnatilom ihallsu lill Mario Caruana, fi zmien xahar minn meta din il-kawza tghaddo in gudikat, is-somma komplessiva ta' **tlett elef mija utmenin Ewro u seba' u tletin centezmu (€3,180.37).**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Erica Galea u Jason Galea pprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Novembru 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar is-sentenza appellata stante n-nullita' taghha a tenur tal-artikolu 428(3) maghdud mal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement tghaddi biex terga' tibghat il-kawza quddiem il-Qorti inferjuri skond il-ligi, jew taghti kwalunkwe provvediment li jidrilha opportun;
- Minghajr pregudizzju, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet dedotta dil-konfront taghha u konsegwentement tilliberahom minn kull htija u piena;
- Minghajr pregudizzju u alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena nflitta ghal wahda korrettement ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**L-Ewwel Aggravju: in-nullita' tas-sentenza**

L-**artikolu 382 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> *382. Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat*

Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tghid hekk:

*Inqrat l-akkuza bil-gurament,*

*Rat l-atti u d-dokumenti,*

*Semghet ix-xhieda:*

*Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet,*

***Ikkunsidrat;***

***Illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huma tali u li skont il-ligi gabu lill- imputati passabbli ghall-imputazzjonijiet kif dedotti.***

***Decide.***

***GHALL-MOTTIVI PREMESSI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll, Artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 25, 45, 46, 47(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolamenti 8(1), 8(4), 8(5) u 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 427 tal- 2007 u 259 tal-2012; Regolament 3 tal-Avviz Legali 112, ta 1988 hekk kif emendata mill-Avviz Legali 211 ta' 1990, 181 ta' 1993, 273 ta' 1998, 55 ta' 1999 u 427 tal-2007 tal-Ligjiet ta' Malta; Regolamenti 4(2) u 6 tal-Avviz Legali 427 tal-2002, hekk kif emendat mill-Avvizi Legali 140 tal-2007, 240 tal-2008 u 117 tal-2010 tal-Ligjiet ta' Malta;***

*Issib lill-imputati hatja skont l-imputazzjoni kif dedotta kontra tagħhom u tikkundannhom, kull wiehed, ghall-penali/multa ta' €2,000 (elfejn ewro).*

*In oltre tordnalhom ihallsu lil Mario Caruana, fi zmien xahar min meta din il- kawza tghaddi in gudikat, is-somma komplessiva ta'* ***tlett elef mija u tmenin Ewro u seba' u tletin centenzmu (€3,180.37)***

Kif jidher fil-kwotazzjoni tas-sentenza **shiha** fil-konfront tal-appellantı, l-Ewwel Qorti ma tat ebda kunsiderazzjonijiet, u lanqas ma semmiet il-fatti tal-kaz, u dan bi ksur tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan aktar u aktar meta, anke in prim'istanza, l-appellanti ssollevaw li ma ngiebu <u>ebda</u> provi biex jipprovaw il- quantum mitlub mill-prosekuzzjoni u mill-imsemmi Caruana.

Skont il-gurisprudenza nostrana, n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali fissens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminalı, f'liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et</u>** il-Qorti irriteniet li: - "Skont gurisprudenza pacifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta xi wiehed irrekwiziti tal-artikolu 382 tal-Kodići Kriminali jammonta għal muqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiči, bil- konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali mullita' hija sollevabbli 'ex ufficio".

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>II-Pulizija vs Mario Agius</u>**, gie ritenutli-in-nuqqas ta osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali

jammonta ghan-muqqas ta' formalita sostanzjali (Ara wkoll IH-Pulizija vs. Jeffrey Savage, Qorti ta' l-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef David Scicluna tal-1 ta Gunju 2011)

M'hemmx dubbju li fis-sentenza appellata, ma hemm ebda referenza ghall-fatti li taghhom l-esponent gie misjub hati. M'hemmx dubju li r-riproduzzjoni tal komparixxi mhuwiex bizzejjed biex dan jammonta ghall-fatti' kif jitlob l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li l-esponent japprezza s-sommarjeta tal-kawzi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti, dan ma jnaqqas xejn minn dak li jitlob tassattivament l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, specjalment meta wiehed jifhem ukoll li l-kawza u l-provi li ngiebu damu aktar minn siegha, u ghalhekk, is-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla.

**<u>It-Tieni Aggravju: In-nullita' u/jew invalidita' u/jew irritwalita' tas-sentenza</u>**

Importanti li wiehed jinnota li l-Ewwel Qorti ma tghıdx li l-provi prodotti kienu tali li jirrekaw sejbien ta' htija, izda li l-provi prodotti kienu tali li gabu lill-imputati **<u>passabbli</u>** għall-imputazzjonijiet' kif dedotti. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti ddikjarat fil-konsiderazzjonijiet taghha li kien hemm lok ghal <u>prosekuzzjoni</u> (ghax hekk tfisser 'passabbli'**<u>) izda ma tat (allura) ebda konsiderazzjoni li wassluha li l- imputati mhux biss kienu passabbli, izda li kienu hatja tal-istess imputazzjonijiet.</u>** Id-decide nfisha mhijiex bizzejjed, in kwantu ma tikkontjeni ebda kunsıderazzjoni li tirrelata mas-sejbien ta' htija.

Ghalhekk, is-sentenza hija, fl-ewwel lok, nulla u f'kull kaz invalida jew irritwali li ghandha twassal ghal-liberazzjoni tal-imputati

**It-Tielet Aggravju: Minghajr Pregudizzju, l-imputazzjoni kif dedotta ma tirrizultax**

L-esponent jirrileva li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt issibu hatı ta' din l-imputazzjoni ghaliex il-provi, kienu, in primis, inkonklussivi fil-konfront tal-imputati, u fit-tieni lok, insufficjenti ghall-finijiet tal-grad tal-provi rikjest f'proceduri penali.

Huwa risaput li "*hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti*" (**Pulizija vs Paolo Farrugia**, App. Krim. (inf.), 1.8.1959) u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija mingħajr dubju dettat mir-raguni, "u jekk jezisti dak id- dubju, dan imur favur l-akkuzat" (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (App. Krim. (superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (App. Krim. (superjuri) 5.7.2002)).

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi u Edward Vella** (moghtija minn din l-Onorabbli Qorti) fl-4 ta' Settembru 2018 jinghad hekk:

> *Il-principju generali rigward it-tezi ta" "burden of proof" hi dik ta' min jallega irid jipprova. Fil-fatt fi kliem Manzini kif misjuba fil-ktieb tieghu Diritto Penale*
>
> *"il cosi della onere detto prova cioè il carico di fornirla spetta a chi accusa." (onus probandi incumbit qui asserit).*
>
> *Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrich fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kaz kollu, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita.*

*Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ppruvata hatja, u dan ai termini tal-artikolu 40 subinciz 5 talKostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:*

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

*Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo flismijiet Il-Pulizija v Michele Borg etl fejn intqal:*

*"illi l-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassia fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico, 'the accused is presumed innocent until proved guilty.""*

*U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu, 1-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l- Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.*

*L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mirraguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u għalhekk l-Qorti hija obbligata' li tillibera.*

*Fil-fatt rigward liema grad ta' prova irid jigt sodisfatt l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal Lord Denning*

> *"that degree is well settled...it must carry a high degree of probability if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, bid nothing short of that will suffice"*

> *Xi tfisser dubbju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero zgur li tfisser aktar millgrad ta' probabilita. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero ma tridx tigi konfuza mal- livell ta' certezza morali u langas ma prova xjentifika. Lord J. Denning fis-sentenza Miller v Minister of Pensions (1935) qal:*

> *"that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice."*

> *Huwa veru illi imputat m'għandux ghalfejn jipprova xejn u jista' jofri d deposizzjoni jekk irid u minghajr ma jkun imgieghel. Imma darba jaghmel assersjoni bhal dik allura jkun hemm shift tal-"evidential burden" fejn ikun mehtieg prova ta' dak li nghad biex tigi sostanzjata. Jekk dan ma jsirx, allura dik tibqa' biss allegazzjoni in arja w ma tistax titqies mill-Qorti*

Issa f'dan il-kaz, kemm l-ufficjal tad-Dipartiment kif ukoll Mario Caruana ma pproducew XEJN Ii juri kif waslu ghall-kalkolu imsemmi ta' €3,180.37-lanqas ma gie spjegat kemm-il siegha realment hadem Caruana, jew ezebew xi timesheets, jew imqar

notamenti li juru - almenu sal-grad rikjest - li l-kalkoli huma minnhom. Mistoqsija in kontroezami, kemm ir-rapprezentant tad-DIER kif ukoll Caruana kif waslu ghal dak li qed jigi mitlub, it-tnejn li huma jghidu li dawn gew ikkalkolati wara li diskussjonijiet, filwaqt li Caruana jghid li dawn gew kalkolati a bazi ta' xi notamenti li kien jiehu hu f'xi diary Tad-DIER jikkontradixxieh u jghid li s-sighat inhadmu a bazi ta' payslips - izda la gie ezebit id-diary (jew kopja tieghu) u lanqas il-payslips.

Dan ifisser li meta l-Ewwel Qorti qalet li l-provi kienu jrendu lill-imputati 'passabbli ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom kienet qed tistrieh fuq dikjarazzjonijiet 'fl-arja' mingħajr ma gew sostnuti minn hadd u minn xejn. Aghar minn hekk, l-istess xhieda li ttellghu mill-prosekuzzjoni jikkonfermaw li l-kalkoli saru a bazi ta' dokumentazzjoni (naturalment ta' importanza straordinarja ghax mhux biss jeffettwaw il-quanton innifsu, izda huma l-qofol u l-bazı tal-imputazzjoni nfisha)

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "*Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemergu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom strahet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fuq dawk ie-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha u čioé li l-imputati appellanti huma hatja mingħajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tagħhom. L-aktar 'il bogħod li wiehed jista' jasał fuq l-Iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiggeneraw suspeti ragonevoli li l-imputati ikkommettew l-ghemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il- grad ma hix bizzejjed sabiex jintlahaq il-grad gholi ta' prova mehtieg ghas- sejbien ta' ħtija fil-qasam tad-dritt penali*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Settembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Galea** il-Qorti tghid.

> *Illi, mehud dan kollu li ngħad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil- kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-appellanti huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma humiex sufficjenti ghal sejbien ta htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-appellanti. Illi fil-verita fl-atti processwali ma hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-appellanti kien prezenti fuq ix-xena tar-reat jew tal-imputazzjonijiet l-ohra li jinsab akkuzat bihom, u dana ghajr ghal dak li gie sollevat aktar il-fuq, cioè rigward in nuqqas ta identifikazzjoni tieghu u l-impronta tieghu illi nstabet, liema impronta tista' tindika diversi ipotesijiet u mhux certezzi u li ma tista qatt tkun prova univoka u ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni wahda.*

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-Ewwel Qorti ma setghetx issib lill-imputati hatja (jekk hekk ghandu jitqies) tal- imputazzjoni dedotta fil-konfront taghhom.

**Ir-Raba' Aggravju: Dwar il-Piena**

Fl-ahhar nett, u minghajr pregudizzju, fil-kalibrazzjoni tal-piena, l-Ewwel Qorti infliggiet multa ta' €2,000 kull wiehed lill-appellanti, oltre l-kundanna tal-ammont li l-appellantı gew ordnati jhallsu lil Caruana.

L-appellant jissottomettu illi l-Ewwel Qorti hija obbligata sabiex fis-sentenza taghha tirregistra l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-finijiet ta' piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet ma jammontawx biss ghal gabra tal-fehmiet tal-partijiet u wisq anqas ghall-elenkar tad-disposizzjonijiet tal-ligi. Il-konsiderazzjoni li ghandha

tipproduci l-Ewwel Qorti huma l-fehma tal-istess Qorti wara li tqis mhux biss il-fatti tal- kaz u l-ammissjoni bikrija tal-appellant, izda c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Dan mhuwiex biss fid-dmir procedurali tal-Ewwel Qorti izda huwa dritt fundamentali tal-appellant akkuzat sabiex kemm l-istess appellant u s-socjeta' jifhmu u japprezzaw kemm il- kwalita', kif ukoll il-kwantita' tal-piena inflitta, ir-riforma tal-akkuzat, kif ukoll l- ispjegazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti dwar l-izvilupp tal-prassi gudizzjarja.

F'dan il-kaz, l-Ewwel Qorti zbaljat meta ma ddefinietx ghalxiex kienet qed taghti multa liz-zewg appellanti kalibrata kwazi fil-massimu permissibbli.

Ghal din ir-raguni, il-piena hija certament wahda invalida, u f'kull kaz, eccessiva.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Jannar 2024 fejn cahad it-talba rikorrenti intavolata mill-appellanti u talab li din l-istess sentenza appellata tigi konfermata.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024 Dr Jurgen Dali ghall-Avukat Generali attira l-attenzjoni tal-Qorti li x-xhieda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2023 ma tinsabx inserita fl-atti u l-Qorti dakinhar stess ordnat li tigi inserita fl-atti u l-appell gie differit ghat-8 ta' Marzu 2024 u ordnat li dan il-verbal jigi notifikat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 l-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jipprovdi x-xhieda moghtija minn Mario Caruana, Quentin Tanti, Louis Buhagiar, Ana Sultana, Nigel Xuereb Said u tal-imputati qua appellant Erica Galea u Jason Galea moghtija nahr l-10 ta' Novembru, 2023 quddiem l-ewwel Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Ian Farrugia u fin-nuqqas jidher quddiemha u jghati spjega.

Illi nhar it-13 ta Marzu 2023 dehret quddiem il-Qorti Stephanie Calafato Testa ghar-registratur tal-Qorti Kriminali u tat-ix-xhieda taghha u kkonfermat li r-*recordings* ma kienux ittiehdu. Dakinhar stess Dr Alessandro Lia ghall-appellanti ddikjara li hu bi hsiebu jipprezenta rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn qed jitlob referenza

Kostituzzjonali peress illi huwa tal-fehma illi l-patrocinati tieghu  ser isofru mid-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

Rat ir-rikros prezentat mill-appellanti nhar il-15 ta' Marzu 2024 fejn talbu lil din l-Onorabbli qorti  jghogobha:-

1. Tordna l-prosegwiment tal-appell odjenr minghajr ebda ordni li x-xhieda li instemghu jixhdu mill-gdid jew li l-kawza tintbaghat quddiem Qorti tal-Magistrati sabiex tinstema mill-gdid, u tqis biss il-provi li hija ghandha fl-atti.

2. Fin-nuqqas u alternattivament a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoi ta' Malta u tal-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta tibghat il-kwistjoni sabiex jigu ezamianti u decizi i-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali imqajma mill-esponent ossia li jekk jerghhu jinstemghu x-xhieda mill-gdid u/jew jekk tintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabeix il-kawza tinstema mill-gdid, minghajr ebda kontrolli ta daawk il-provi li gew kkunsidrati mill-ewwel qorti u li wasluha ghas-sentenza taghha tal-10 ta' Novembru 2023, u ghalhekk jekk tittihed tali posizjoni huma sejrin igu u'jew potenzjalment jsitghu jigu lezi d-drittijiet tghhom kif sanciti fl-artikolu 30 tal-Kostituzzjoi ta; Malta u fl-artikolu 6 tal-KOnvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors u dan fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi dan hu digriet qed jinghata limittament dwar it-talba li ssir referenza Kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi f'dan il-process kif tajjeb irrimarka l-Avukat Generali fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 hemm diversi xhieda nieqsa u cioe ma hiex inserita fl-atti. Illi l-ewwel qorti ghandha l-obbligu li tinserixxi l-atti kollha tal-process sabeix ikunu integru qabel ma l-istess inkartament jintbaghat quddiem din l-istess qorti u dan sabiex din il-Qorti

tkun f'posizzjoni li taghmel il-gudizzju taghha ta' qorti ta' appell u cioe li tirrevedi l-atti kompilati bil-ghan li tara jekk l-gudizzju moghti mill-ewwel qorti kienx wiehed safe and satisfactory.

Din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[1]

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza Il-Pulizija vs. Vincent Calleja deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-

[1] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża

Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.[2] Issa din il-qorit tistaqsi kif tista taghmel dan l-istess esercizzju jekk ix-xhieda I inghatat ma tinsabx fil-process. Una volta thalli ix-xhieda jerghhu jixhdu din il-qorti ma tibqax qorti ta' revisjoni u dan ghaliex ma tkunx qed tiddecidi l-kaz fuq ix-xhieda instemghu quddiem l-qorti izda fuq xhieda u provi godda u ghalhekk possibilment anke l-aggravji sollevati mill-appellanti fir-rikors taghhom ma jibqghux validi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Permezz tat-talba tieghu r-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghmel referenza kostituzzjonali. Primarjament, din il-Qorti tghid illi f'kazijiet li jinkludu vertenzi ta' natura kostituzzjonali, il-poteri taghha huma limitati bil-Kostituzzjoni ta' Malta. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:

> *'Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45*

[2] Vide is-sentenzamoghtija minn din il-qorti diversament preseduta nhar il-30 ta' Settembru, 2021 fl-ismijiet il-Pulizija vs Justin Chetcuti

*(magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni'*

**Din il-Qorti mhux imsejjha sabiex tiddeciedi fuq jekk hemmx ksur ta' drittijiet tal-akkuzat hi stess u lanqas m'hi kompetenti sabiex taghmel dan.** Ghalhekk kull ma trid taghmel din il-Qorti hu li tiddetermina jekk fil-fhema taghha tali talba <u>hix frivola jew vessatorja</u>. Jekk din il-Qorti hi tal-fhema illi tali talba hija prima facie frivola jew vessatorja, allura ghandha tichad it-talba tal-akkuzat. Madankollu, jekk din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba mressqa *prima facie* mhux frivola jew vessatorja, allura ghandha taccetta t-talba tal-akkuzat u sussegwentament tordna referenza kostituzzjonali.

Is-sentenza fl-ismijiet **<u>'Alan Mifsud et versus L-Avukat Ġenerali et',</u>** il-Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'"frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

Inghad li d-dritt ta' access ghal Qorti gie definit fis-sentenza **Golder v. the United Kingdom**, 1975, §§ 28-36 kif ukoll ricentement fis-sentenza **Grzęda v. Poland** [GC], 2022, §§ 342-343. Jinghad ukoll b'zieda li d-dritt ghal smiegh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6 § 1, jesigi li l-partijiet tal-kawza ghandhom ikollhom rimedju effettiv biex igieghlhom jaserixxi d-drittijiet taghhom (**Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 112; **Běleš and Others v. the Czech Republic**, 2002, § 49. Ghalhekk id-dritt ghal Qorti ifisser li hu dritt li bniedem ghandu sabiex jaserixxi d-drittijiet tieghu pero ma jfissirx li ghandu dritt awtomatiku ghal dritt ta' appell minn xi digriet jew sentenza. Din hi materja li ghandha tigi diskussa fil-fora domestika tal-pajjiz. L-konvenzjoni Ewropeja titkellem fuq id-dritt ta' access ghal Qorti u mhux id-dritt li bniedem ikollu li jintavola appell minn decizjoni li ma tghogbux. Jigi imfakkar li d-dritt ghal Qorti u d-dritt ghall-access m'humiex drittijiet assoluti. Jistghu jkunu soggetti ghal limitazzjonijiet izda dawn m'ghandhomx jirristringu jew jirriducu l-access imholli lejn l-individwu li jippregudikaw id-dritt ta' dak li jkun. (**Stanev v. Bulgaria** [GC], 2012, § 229; **Baka v. Hungary** [GC], 2016, § 120; **Naït-Liman v. Switzerland** [GC], 2018, § 113; **Philis v. Greece** (no. 1), 1991, § 59; **De Geouffre de la Pradelle v. France,** 1992, § 28).

Din il-Qorti jidrilha illi *prima facie* t-talba tar-rikorrent ma hiex frivola u lanqas vessatorja u ghalhekk qedgha tigi **milqugha.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**